MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 186/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Spiridione Zammit)**
**Vs**
**Charles Cassar**

**Illum 11 ta' Jannar, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-30 t'Ottubru, 2008 ghall-habta ta' xi 6.45 p.m., waqt li kien fi Triq Ninu Cremona Rahal Gdid
Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli w cioe' ghamel hsara fuq vettura numru BBR 497 ta' ghamla Fiat Stilo ghad-dannu ta' Gabriele Brincat minn San Gwann liema hsara ma tiskorrix 1164.69 Euros, imam hi izjed minn 116.47 Euros.
Fl-istess data, lok hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-Ligi, izda biss li jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel b'awtorita'

tieghu nnifsu billi kaxkar vettura numru tar-registrazzjoni BBR 497 tal-ghamla Fiat Stilo propjeta' ta' Gabriele Brincat minn San Gwann.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 85(1) u 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' malta, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-ligijiet ta' Malta, lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena w li fi zmien sitt xhur ihallas lill-parte civile Gabriele Brincat is-somma ta' mija, disgha w hamsin Euro w disgha w disghin centezmu (€159.99).
Il-Qorti spjegat lill-appellant fi kliem ordinarju r-responsabbilita tieghu w x'jigri jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta' Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull htija w piena

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib lill-appellant hati ta' l-ewwel akkuza ta' hsara volontarja. Irrizulta mill-istqarrija tieghu li hu ma kienx konsapevoli mill-fatt li saret xi hsara fil-vettura ta' Gabriele Brincat u, fuq domanda ta' l-Ispettur jekk kienx induna li kisser il-fanal hu rrisponda "jien cert li ma kissirtux". L-istess Brincat, fix-xiehda tieghu, jghid li kienet in-nanna tieghu li gibditlu l-attenzjoni ghall-fatt li kien hemm xi persuni hdejn il-vettura tieghu w meta nizel jara x'kien gara huwa sab persuni anzjani vicin tal-vettura li kienet giet imcaqalqa. In-nanna ta' brincat ma xehditx f'dawn il-proceduri. L-ebda prova ma giet sottomessa in sostenn tal-ewwel akkuza w xejn minn dak kollu li ntqal

quddiem l-Ewwel Qorti ma ghandu ragjonevolment iwassal biex b'xi mod tigi attribwita responsabbilita lill-appellant, partikolarment meta wiehed jikkonsidra li kien hemm perjodu ta' hin wara li l-appellant telaq minn fuq il-post u qabel ma Brincat sab il-hsara fejn il-karozza kienet esposta ghall-whims ta' kull min kien ghaddej u ghal atti vandali li huma bizzejjed frekwenti. Jekk imbaghad ghal grazzja tal-argument biss jigi argumentat illi minn dawn il-provi jista' jigi biss dezunt li fl-azzjoni li wasslet biex il-vettura tigi rimossa, involontarjament intlaqat il-fanal, ma jirrizulta minn imkien (1) min kienu l-persuni li ghenu lill-appellant, (2) jekk saret xi hsara, din saret volontarjament u (3) li kien l-appellant li ghamel din il-hsara. Mid-dinamika tal-fatti jista' biss jigi allegat li, jekk saret xi hsara.

Ghandu jinghad ukoll li l-artikolu 85 tal-kodici Kriminali jippermetti li r-reat ta' ragion fattasi jigi kommess "bla hsieb li wiehed jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi".
Naturalment fir-reat ta' hsara volontarja irid ikun hemm il-hsieb li ssir il-hsara w ghahekk il-fatt l-appellant gie akkuzat li bl-istess att ikkommetta zewg reati li jirrikjedu element formali mhux biss differenti izda addirittura opposti juri kemm is-sejbien ta' htija f'dawn iz-zewg reati huwa kontro-sens legali.
Illi r-reat ta' ragion fattasi huwa reat li jkopri sitwazzjonijiet u cirkostanzi ben diversi minn dawk li rrizultaw f'dan il-kaz u jinghad li huwa legalment assurd li jigi addebitat dan ir-reat f'kazijiet fejn wiehed inehhi ostakolu temporanju sabiex jidhol jew johrog mill-proprjeta' tieghu.
Illi f'dan il-kaz l-appellant mhux biss ma kienx konsapevoli minn xi pretensjoni ta' dritt ta' Brincat, izda lanqas qatt ma setgha jippresuni li dan kien ser javvanta xi dritt li jipparkja bil-mod kif ipparkja. Fil-fatt, meta xehed Brincat, qatt ma allega li kellu xi dritt jipparkja quddiem il-garaxx ta' l-appelant u l-uniku lment tieghu kien dwar il-hsara li kienet garrbet il-vettura tieghu. Ghalhekk ma kien hemm ebda "diritto in contestazione" f'dan il-kaz.

Ikkunsidrat :

Din il-kawza hija konsegwenza ta’ incident illi gara fit-30 t’Ottubru 2008 ghall-habta ta’ 18.50 hours quddiem il-garage 45/49 Triq Ninu Cremona Rahal Gdid proprjeta’ tal-appellant Charles Cassar.

Irrizulta mill-provi illi dak inhar l-appellant mar biex johrog il-karozza tieghu mill-garage izda dan ma setghax jaghmlu ghax parti mill-garage kien imblokkat bil-karozza tat-tip Fiat Stilo bin-numru BBR 497 proprjeta’ tal-parti civili Gabriele Brincat.

L-appellant ipprova jikkomunika mal-Pulizija kif ukoll mal-wardens sabiex inehhu l-karozza izda ma rnexxielux, ghalhekk minhabba l-urgenza tal-qadja li kellu beda jimbotta l-karozza. Dak il-hin ghaddew tlieta min-nies u marru jghinuh. Il-karozza giet imwarba bizzejjed sabiex l-appellant johrog bil-karozza tieghu w hekk ghamel. Izda l-parti civili ghamel rapport lill-Pulizija illi waqt il-process saret hsara fil-karozza tieghu billi tkissret il-hgiega tad-dawl tan-naha ta’ wara tax-xellug u saret ukoll hsara lill-mould tal-bieba ta’ wara. Saret stima ta’ dawn il-hsarat fl-ammont ta’ €159.99. ghalhekk l-appellant gie mressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-zewg akkuzi principali dik ta’ hsara volontarja w dik ta’ ragion fattasi. Kif gja inghad l-Ewwel Qorti sabitu hati fuq iz-zewg kapi w ikkundannatu.

Rigward il-hsara volontarja l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati principalment fuq ix-xhieda ta’ PS 825 Jeffrey Cutajar fejn qal li meta mar fuq il-post ta’ l-incident ra l-hgieg tal-fanal ma’ l-art hdejn il-vettura w l-Ewwel Qorti addebitat din il-hsara lill-imputat.
L-imputat, minn naha l-ohra, dejjem innega illi huwa ikkawza xi hsarat. Dan ghamlu fl-istqarrija tieghu w ghamel referenza wkoll ghat-tlett persuni l-ohra illi gew biex jghinuh u ma setghax jirrispondi ghall-operat taghhom.

Ikkunsidrat :

Filwaqt illi din il-qorti lesta li tikkoncedi illi hsara fil-karozza setghet saret waqt il-manuvra ta’ spustjar taghha ma

hemm l-ebda prova illi din il-hsara tista’ b’xi mod tigi addebitata lill-appellant.

PS 825 Jeffrey Cutajar qal biss illi ra l-fanal miksur izda ma rax min ghamel dik il-hsara w filwaqt li l-appellant kien qieghed man-nies jimbuttaw il-karozza ma giex ippruvat f’liema posizzjoni kien u jekk kienx hu illi kkawza l-hsarat.

It-tlett min-nies l-ohra m’humiex identifikati w ghalhekk ma jistax isir gudikat fil-konfront taghhom. Huwa biss l-operat ta’ l-appellant illi qieghed f’dan il-gudizzju u ta’ hadd aktar u dan l-operat ma jistax jigi abbinat mal-hsara subita fil-karozza. Veru illi l-agir illegali ta’ Gabriele Brincat wassal ghal dan l-incident izda kulhadd ghandu jkun responsabbli ghal ghemilu. Brincat talli ipparkja b’mod illegali w l-appellant talli spostja l-karozza minghajr awtorita’.

Il-Qorti tifhem l-ezaspirazzjoni u r-rabja tal-appellant f’dak il-mument illi gie biex johrog mill-garage. Aktar u aktar meta jghid li kellu qadja urgenti w ma jsibx kooperazzjoni mill-awtoritajiet prorju f’dak il-mument li jkollu bzonnhom. Kien ghalhekk illi ddecieda illi jiehu l-ligi b’idejh u jressaq il-karozza. Kien ghalhekk li fost l-akkuzi l-appellant qed jigi addebitat bir-reat ta’ ragion fattasi.

Illum dan ir-reat huwa studjat bizzejjed kemm mill-awturi imsemmijin mill-appellant fir-rikors tieghu kif ukoll mill-gurisprudenza lokali.

L-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-erba’ elementi essenzjali sabiex jissustissi r-reat kif imfissra fil-kawza “Il-Pulizija vs Spiru Bartolo” deciz mill-Appell Kriminali fid-9 ta’ Jannar, 2006. Ma dan il-Qorti zzid “Il-Pulizija vs Sylvia Incorrvaja” deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta’ Lulju 1994 fejn fost affarijiet ohra qalet li d-delitt ta’ ***“ragion fattasi hu delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja w amministrazzjonijiet pubblici ohra ……”***

In-nuqqas tal-appellant kien forsi li huwa ma stinkax bizzejjed sabiex jikkomunika mal-Amministrazzjoni opportuna li setghet tiehu f’idejha l-kaz u tipprotegi d-drittijiet tieghu w cioe’ dak illi johrog mill-garage minghajr

xkiel. L-appellant naqas meta ddecieda illi jaghmel di *proprio braccio* dak illi missu sar permezz ta’ awtorita’ pubblika.

L-Ewwel Qorti ezaminat sew l-elementi essenzjali sabiex jissustissi r-reat ta’ ragion fattasi, liema ezami kien wiehed ragjonevoli w legalment korrett.

Ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament ta’ l-Ewwel Qorti dwar l-akkuza ta’ ragion fattasi [ara Pulizija vs Amadeo Brincat et. App. Krim. 06-06-1994].

Mhux l-istess pero’ ghall-akkuza ta’ hsara volontarja fejn wara ezami approfondit tal-fatti ma jidhirx illi jezistu provi bizzejjed fi grad li trid il-ligi fil-kamp kriminali ghall-htija.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni ta’ hsara volontarja u minflok tiddikjara lill-appellant mhux hati ta’ din l-akkuza w tilliberah minnha. Tirrevoka wkoll l-ewwel sentenza fejn ikkundannat lill-appellant li jhallas lill-parti civili Gabriele Brincat is-somma ta’ €159.99 u tikkonfermaha fl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’varjazzjoni tat-terminu fis-sens illi l-appellant ma ghandhux jaghmel reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------